# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 316/2018 RM**

**Elmo Insurance Limited (C-3500)**

**-vs-**

**Jefier Cutajar (K.I. Numru 449286M)**
**u**
**Malcolm Cutajar (K.I. Numru 171085M)**

**Illum, 4 ta' Novembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Dicembru 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu, solidament bejniethom, is-somma komplessiva ta' tmien telef tmien mija erbgha u hamsin ewro (€8,854) liema somma tirraprezenta l-ammont sborsat mis-socjeta` esponenti Elmo Insurance Limited a favur tar-rikorrenti fl-arbitragg fl-ismijiet "GasanMamo Insurance Limited et vs. Elmo Insurance Limited" [M583/2006] kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBD 064.

Gara li fil-15 ta' Dicembru 2005, gewwa l-Marsa, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBD 064, proprjeta` tal-intimat Jefier Cutajar, misjuqa mill-intimat Malcolm Cutajar u assikurata mis-socjeta' esponenti, sfat involuta f'incident awtomobilistiku fejn habtet mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JGY 034, proprjeta' ta' terzi.

Fuq l-iskorta tal-fatti u cirkostanzi tal-incident, is-socjeta' esponenti kellha fil-pussess taghha bizzejjed evidenza sabiex tavza lill-intimati illi huma kienu kisru l-kundizzjonijiet tal-polza u l-obbligi taghhom skond l-istess polza u dan in vista tal-fatt li l-intimat Malcolm Cutajar ma kienx persuna awtorizzata sabiex isuq il-vettura *de quo*.

Ghaldaqstant, l-intimati kienu prekluzi milli jinvokaw l-istess polza sabiex ikopru kull dritt jew obbligu naxxenti mill-imsemmi incident.

Is-socjeta' esponenti *inter alia* wissiet lill-intimati, permezz ta' ittra ufficjali tal-20 ta' April 2006, bil-konsegwenzi kollha li kienu se jgarrbu minhabba l-inadempjenza kontrattwali taghhom fil-kaz li l-arbitragg istitwit mit-terz (kif ukoll l-assikurazzjoni tieghu, debitament surrogata minnu) jigi deciz kontra l-intimat Malcolm Cutajar una volta kienu sodisfatti fil-konfront tal-istess socjeta' esponenti d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt kienu. Bl-istess mod, is-socjeta' esponenti interpellat lill-intimati ghal hlas tad-danni minnha arrekati u dan permezz ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 10 ta' Settembru 2018, liema danni pero' gew ikkontestati formalment mill-istess intimati.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' April 2006, dawk tal-ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 10 ta' Settembru 2018, u bl-imghax legali b'effett mill-10 ta' Settembru 2018 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta pprezentata mill-konvenuti fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Marzu 2019 fejn ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1. *Illi l-esponenti kienu involuti f'incident awtomobilistu bil-vettura propjeta` tal-intimat Jefier Cutajar, liema vettura ghandha l-ghamlha Ford Escort u kellha numru ta' registrazzjoni JBD 064 u dan gewwa l-Marsa. Illi l-vettura tal-ghamla Mercedes li kienet taxi bin-numru ta' registrazzjoni JGY 034 ikkaguna l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza meta habat mal-vettura tal-esponenti Jefier Cutajar;*

2. *Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi assolutament ma hux minnhu illi l-esponenti kienu b'xi mod jahtu ghall-incident de quo u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti lanqas biss kienu konsapevoli illi kien hemm arbitragg fl-ismijiet "Gasan Mamo Insurance Limited et vs Elmo Insurance Limited" (M583/2006) li kien jitratta l-incident awtomobilistiku, tant illi la qatt gew notifikati u tant inqas gew mitluba sabiex jixhdu u jaghtu l-verzjoni taghhom;*

4. *Illi inoltre, minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, l-atturi ghandhom igibu l-ahjar prova tad-danni effettivi u attwali minnhom allegati u reklamati;*

5. *Salv eccezzjonijiet Ulterjuri*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti in subizzjoni.*

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2020, l-abbli difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi l-partijiet lahqu ftehim li permezz tieghu ittransigew il-vertenza mertu ta' din il-kawza;

Rat illi waqt l-istess udjenza gie registrat is-segwenti verbal:-

"*... il-konvenuti solidalment bejniethom qablu li jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmint elef, tmien mija u erbgha u hamsin Euro pju` l-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza skont taxxa come ceduta u tal-ittri ufficjali tal-20 ta' April 2006 u tal-10 ta' Settembru 2018 skont taxxi relattivi mahrugin mir-Registru, u dan permezz ta' pagamenti mensili ta' mitejn Euro kull wiehed.*

*Il-partijiet qablu wkoll illi f'kaz ta' morozita`, anke ta' pagament wiehed, il-konvenuti jitilfu l-beneficcju tat-terminu u l-ammont kollu bilancjali li jkun ghadu dovut isir dovut minnufih minghajr ebda formalita`, f'liema kaz ukoll jibda jiddekorri fuq il-bilanc imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena.*"

Rat ukoll illi d-difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2020 qablu li din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti abbazi tal-ftehim ta' transazzjoni registrat fil-verbal tal-istess seduta;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti get mitluba mill-partijiet sabiex tiddeciedi din il-kawza abbazi ta' u skont it-termini u kundizzjonijiet maqbula fil-ftehim ta' transazzjoni milhuqa bejniethom, hekk kif gie registrat fil-verbal tas-seduta tat-23 ta' Settembru 2020, liema ftehim sejjer ghalhekk jigi meqjus bhala parti minn din is-sentenza.

Skont dan il-ftehim, il-partijiet ittransigew il-vertenza mertu ta' din il-kawza billi ftiehmu li l-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma mitluba fir-Rikors promotur f'din il-kawza, ta' tmint elef, tmien mija u erbgha u hamsin Euro (€8,854) kif ukoll l-ispejjez gudizzjarji tal-proceduri odjerni u tal-interpellazzjonijiet gudizzjarji datati 20 ta' April 2006 u 10 ta' Settembru 2018. Ftiehmu wkoll illi l-ammont komplessiv li huwa dovut mill-konvenuti *in solidum* bejniethom, ghandu jithallas permezz ta' pagamenti mensili fis-somma ta' mitejn Euro (€200) kull wiehed. Gie miftiehem ukoll illi fl-eventwalita` li l-konvenuti jonqsu milli jhallsu anke wiehed mill-pagamenti mensili kif miftiehem, huma jitilfu l-beneficcju tat-terminu u l-bilanc shih li jkun ghadu dovut, isir dovut minnufih, f'liema kaz ghandhom jibdew jiddekkorru wkoll imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena fuq l-ammont bilancjali dovut.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta` u tiddeciedi l-kawza billi taghmel referenza ghall-ftehim ta' transazzjoni konkluz bejn il-partijiet u registrat fil-verbal tat-23 ta' Settembru 2020, liema verbal qieghed jigi anness ma' din is-sentenza biex jifforma u jigi meqjus bhala parti integrali minnha, u ghaldaqstant tordna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmint elef, tmien mija u erbgha u hamsin Euro (€8,854) kif ukoll l-ispejjez ta' din il-procedura skont taxxa ta' spejjez u drittijiet mahduma *come ceduta* u l-ispejjez l-ohra mitlubin fir-Rikors promotur, liema hlas ghandu jsir permezz ta' pagamenti mensili fis-somma ta' mitejn Euro (€200) kull wiehed u bil-kundizzjoni illi fl-eventwalita` ta' morozita` fil-hlas, anke ta' wiehed minn dawn il-pagamenti mensili, il-bilanc shih li jkun ghadu dovut isir dovut minnufih u jibda wkoll jiddekorri imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq il-bilanc hekk dovut mill-konvenuti.**

**Billi l-ispejjez tal-proceduri u dawk mitluba fir-Rikors promotur jinsabu inkluzi fis-somma komplessiva li ghandha tithallas mill-konvenuti *in solidum* ai termini tal-ftehim ta' transazzjoni, il-Qorti tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar il-kap tal-ispejjez.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**